**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0241/2020**

3.12.2020

# ***II
# RAKKOMANDAZZJONI GĦAT-TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)
(06230 – C9-0354/2020 – 2017/0332(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Christophe Hansen

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

ANNESS GĦAR- RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA ...........................................................7

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA ..........................................................................................8

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..................................................................9

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........10

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)**
**(06230/3/2020 – C9-0354/2020 – 2017/0332(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06230/3/2020 – C9-0354/2020),

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Kamra tad-Deputati Ċeka, mill-Parlament Irlandiż, mill-Kunsill Federali Awstrijak u mill-House of Commons tar-Renju Unit, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipji ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2018[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Mejju 2018[2],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[3] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0753),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0241/2020),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-

[1] ĠU C 367, 10.10.2018, p. 107.
[2] ĠU C 361, 5.10.2018, p. 46.
[3] Testi adottati tat-28.3.2019, P8_TA(2019)0320.

Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## ANNESS GĦAR- RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

## DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-ATTI DELEGATI FID-DIRETTIVA DWAR L-ILMA TAX-XORB

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-deċiżjoni tal-koleġiżlaturi li tillimita s-setgħa tagħha li timmodifika l-annessi tad-Direttiva riveduta dwar l-Ilma tax-Xorb għall-Anness III, meta l-Kummissjoni kienet talbet li tingħata setgħa biex timmodifika l-Annessi I sa IV fil-proposta oriġinali tagħha[1].

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha speċifikament li l-koleġiżlaturi ma qablux dwar l-għoti ta' setgħa biex jiġi emendat l-Anness II, li huwa partikolarment neċessarju fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu aġġornati r-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness II għall-progress xjentifiku u tekniku.

## DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PROĊEDURA TA' ADOZZJONI TA' ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u l-ispirtu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[2] li wieħed jinvoka l-Artikolu 5(4)(2)(b), mingħajr ġustifikazzjoni xierqa. Wieħed għandu jirrikorri għal din id-dispożizzjoni f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni *tista'* tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4), ma tistax titqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġiżlatur, iżda trid tiġi interpretata b'mod restrittiv u għalhekk trid tkun ġustifikata.

[1] COM(2017)0753.
[2] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-ftehim milħuq bejn il-Parlament u l-Kunsill f'negozjati interistituzzjonali fl-istadju bikri tat-tieni qari, wara verifika legali-lingwistika. Peress li l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), bil-vot tiegħu tat-18 ta' Frar 2020, diġà kkonferma l-eżitu ta' dawk in-negozjati interistituzzjonali, bħala r-rapporteur qed nipproponi li l-Kumitat ENVI jirrakkomanda li l-plenarja tikkonferma l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, mingħajr ma tiġi emendata.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) |
| **Referenzi** | 06230/3/2020 – C9-0354/2020 – 2017/0332(COD) |
| **Data tal-1 qari tal-PE – Numru P** | 28.3.2019 T8-0320/2019 |
| **Proposta tal-Kummissjoni** | COM(2017)0753 - C8-0019/2018 |
| **Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-1 qari** | 13.11.2020 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.11.2020 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Christophe Hansen<br>18.7.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 21.10.2019 6.11.2019 2.12.2019 20.1.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 1.12.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 73<br>–: 2<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Androulakis, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurelia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ştefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Sven Giegold, Karin Karlsbro, Ulrike Müller, Andrey Slabakov |
| **Data tat-tressiq** | 3.12.2020 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 73 | + |
|---|---|
| PPE | Traian Băsescu, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ştefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Edina Tóth, Pernille Weiss, Michal Wiezik |
| S&D | Nikos Androulakis, Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken |
| RENEW | Pascal Canfin, Andreas Glück, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Ulrike Müller, Frédérique Ries, Nicolae Ştefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir |
| ID | Simona Baldassarre, Aurelia Beigneux, Marco Dreosto, Catherine Griset, Joëlle Mélin, Luisa Regimenti, Silvia Sardone |
| VERTS/ALE | Margrete Auken, Bas Eickhout, Sven Giegold, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan |
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Rob Rooken, Andrey Slabakov, Alexandr Vondra, Anna Zalewska |
| GUE/NGL | Anja Hazekamp |
| NI | Eleonora Evi, Athanasios Konstantinou, Ivan Vilibor Sinčić |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Sylvia Limmer |
| GUE/NGL | Mick Wallace |

| 5 | 0 |
|---|---|
| PPE | Alexander Bernhuber |
| ID | Teuvo Hakkarainen |
| GUE/NGL | Malin Björk, Petros Kokkalis, Silvia Modig |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni